**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Gunju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**

**-vs-**

**Carmel Mugliett detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 457762M**

Kumpilazzjoni Nru. 1295/2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Carmel Mugliett u ċioè talli:

a. Nhar it-13 ta' Settembru, 2009, bejn is-7:00pm u l-11:00pm mill-fond Annunzjata House, Trejqa tal-Fleur-de-Lys, Santa Venera, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentenżmu (€2329.37), bil-lok u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Joseph u Maria Concetta konjugi Magri u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

b. U aktar talli irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta,

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-17 ta' Mejju, 2016.[1]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2016, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hatja dwarhom l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni tieghu li hi ghal kollox wahda tardiva u l-fedina penali voluminuza tieghu mzewqa b'diversi reati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261 (b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278 (1) (3), 279(b), 280(2), 281(b),289 u 325(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitta u tletin (36) xahar prigunerija.

[1] Fol.138

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' elf, mija disa u sebghin Euro u erba u sebghin centezmu (€1,179.74), hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**